MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Numru. 555/2004

**Maryanne Bugeja ta' 20 sena, bint Alfred Bugeja u Helen nee` Azzopardi, mwielda Pieta nhar id-29 ta' Novembru, 1983 u toqghod Entratura A Blokk A Flat 20 Fountain Street Valletta, numru ta' l-identita 596383(M),**

**Sandra Agius ta' 29 sena, bint John Agius u Victoria nee' Sammut mwielda Pieta it-24 ta' April, u toqghod 3 Lebit Flats, Ponsomby Street, Mosta numru ta' l-identirta 185673 (M),**

**<u>Illum 21 ta' Ottubru, 2005</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kif dedotti kontra Maryanne Bugeja u Sandra Agius u cioe' talli f'San Giljan ghall-habta tas-sitta ta' filghaxija matul il-gurnata ta t-2 ta' Lulju, 2004

ikkommettew serq ta’ Hwejjeg mill-hanut Urban Jungle li jinsab go Triq San Gorg, liema serq huw kkwalifikat bil-Lok u bil-Persuna u dan bi ksur ta’ artikoli 261, 268 u 269 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u cioe` hwejjeg li jammontaw ghas-somma ta’ madwar Lm30, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kul;l mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom bi ksur ta l-artikolu 334 (a) tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta.

Aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi naqsu milli jobdu ordnijiet legittmi moghtija  lilhom minn ufficjali inkarigati minn servizz pubbliku bi ksur ta’ l-artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Aktar lil Maryanne Bugeja wehida talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi zammet, garret jew kellha fil-pussess taghha arma regolari u cioe’ bott pepper spray bi ksur ta l-artikolu 64(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Aktar lil Maryanne Bugeja wehida talli fl-istess hin lok u cirkostanzi ingurjat, heddedt jew ghamlet offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li huma PS 1492 Joseph Paace u WPC 133 Althea Attard, waqt li kienu jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li bezzagghom jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz bi ksur tal-artikolu 95(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji (Dok AF a fol. 22)

Rat li l-imputati rregistraw li ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi fl-istess seduta l-Qorti ordnat illi jigi redatt pre-sentencing report.

Rat il-pre-sentencing report esebit a fol. 39 et seq u a fol. 554 et seq.

Ikkonsidrat,

In vista ta' l-ammissjoni rispettiva taghhom qeghdha issib lil Maryanne Bugeja u Sandra Agius hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u dan wara li rat l-artikoli 261, 268, 269, 334, 338 l-artikoli 64 u 94 ilkoll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena rat ukoll l-artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. RAat il-Fedina Penali ta' l-akkuzati.

Qeghda rispettivament tikkundanna lil Maryanne Bugeja u lil Sandra Agius ghal piena karcerarja ta' sena habs (1) sospiza ghal sentejn (2) wara li rat l-artikolu 26A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qeghda ai terminu ta' l-artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghmel ordni ta' Supervizjoni taht il-kundizzjonijiet hawn annessi u dan ghal perjodu ta' sena (1) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------